MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2005

Numru. 138/2001

Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)
vs
Jesmond Camilleri

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Jesmond Camilleri, detentur tal-karta ta' l-identita numru 465170(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis- 17 ta' Frar, 2000, u tliet xhur ta' qabel, f' Naxxar, u bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti,

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li tipprokura id-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroli intern tad-drogi

perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjorn jew ghallesportazzjoni mahrug mit-Tabib Principaii tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' 1-ordinanza imsemija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat ii jimmanefattura jew ifomi d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli ta' 1-1939 ghall-kontroli intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-ordinanza dwar il-Medicini Perikoiuzi Kap 101 tal-ligij jet ta' Malta.

*b)* kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-rieetta kif provdut fir-regolamenti msemmija a u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' 1-1939 dwar il-kontroli intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligij jet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali tal-24 ta' April, 2000 li permezz taghha bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101 ordna illi l-imputat fuq imsemmi jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi

migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza;

Rat il-kontro-ordni tal-Avukat Generali tat-3 ta' Ottubru tas-sena 2001 li permezz taghha bis-sahh atas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 u tal-Artikolu 31 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) ordna illi l-imputat fuq imsemmi jigi ipprocessat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provvedimenti ta' l-istess Ordinanza u wara li inghalqet il-kumpilazzjoni kontra l-imputat fuq imsemmi iddecieda li ma iqieghedx lill-imputat taht att ta' akkuza billi b'zieda ma l-ordni fuq imsemmi, jonqsu cirkostanzi li jaghmlu l-htija ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressaqu, u d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat il-"pre-sentencing inquiry report" imhejji mill-Ufficjal tal-Probation Marianne Zammit, fuq ordni tal-Qorti wara talba apposta tad-difiza;

Semghet lill-imputat, debitament assistit, volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tal-20 ta' April, 2005.

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li l-imputat ikkollabora mal-pulizija u b'hekk ghandu igawdi u jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 u dana peress illi l-imputat kien ukoll informa lill-pulizija minghand min kien jixtri d-droga u f'kaz separat kien ghin hafna lill-pulizija sabiex issolvi l-kaz taghha.

Il-Qorti taqta u tiddeciedi billi, fuq ammissjoni volotarja tal-imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, qeghda issibu <u>hati</u> ta' dawn l-istess

imputazzjonijiet kollha, u dana wara li l-Qorti rat ir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi notifikazzjoni tal-Gvern 292 tal-1939, ir-Regolament 4 ta’ l-imsemmija Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi, ir-Raba’ u s-Sitt Taqsima tal-Kapitolu 101, ir-Regolament 8 ta’ l-imsemmija Regoli tan-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi, l-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101, u l-Artikoli 17 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-Qorti ikkunsidrat ghal dak illi jirrigwarda l-piena il-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni u specjalment il-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101. Il-Qorti ezaminat ukoll, ghall-fini ta’ piena, l-“pre-sentencing inquiry report” imhejji minn Marianne Zammit, illi minnu irrizulta illi l-imputat kien segwa programm San Blas u gradwa fin-1996 u f’dan l-istess rapport taghha l-Ufficjal tal-Probation irrakomandat illi l-piena karcerarja hija inevittabli izda tul dan iz-zmien l-imputat ghandu jibbenifika billi jsegwi programm ta’ riabilitazzjoni offrut mill-Facilita Korrettiva ta’ Kordin, jew ix-xelta ta’ l-istess Awtorita. B’hekk l-imputat jinghata zmien xieraq biex jahdem fuq il-problemi tieghu.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti tikkundanna lill-imputat, misjub hati kif diga intqal, ghall-prigunerija ta’ xahrejn, illi minnha ghandu jitnaqqas kull zmien illi l-imputat ghamel taht arrest preventiv u ghall-multa ta’ mitt lira (LM 100).

Il-Qorti tordna wkoll lill-hati sabiex fi zmien xahar mill-lum ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez kollha li kellhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti f’dan il-kaz.

Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin sabiex matul dan il-perjodu ta’ prigunerija l-imputat jinghata l-fakulta illi isegwi programm ta’ riabilitazzjoni mid-droga.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga illi giet elevata mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------